# IT-TIENI PARTI

## QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**7 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B. Litt., LL.D.**

**Salvino Ellul Bonici**

***versus***

Wisq Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna et. ne.

**Konservatorju "Vincenzo Bugeja" — "Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" — Interpretazzjoni tal-Fondazzjoni — Dekadenza.**

*Fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Camilleri tal-4 ta' Diċembru 1880, il-Markiż Vincenzo Bugeja eriġa u ffonda hawn Malta il-Konservatorju "Vincenzo Bugeja", għall-iskop li li jiġu f'h milqugħa u edukati l-bniet iltiema u foqra, u assoġġetta din il-fondazzjoni għall-"Leggi e Condizioni" li għandhom jirregolaw l-istess Konservatorju; u fost affarijiet oħra huwa ordna illi ħadd ma jista' jittrasporta dan l-Istitut band'oħra, jew jgħaqqdu ma xi wieħed ieħor, u lanqas jibdillu l-iskop tiegħu, jew jirriduċieh għall-użu ta' konvitt jew skejjel, anki jekk dan ikun irid isir għal skopijiet u fin'jiet ta' utilità ugwali jew akbar; b'dan illi, fil-każ li tiġi trasgredita l-volontà tiegħu, wieħed kellu jipproċedi għall-bejgħ tal-bini u tar-renti u tal-mobilja spettanti lill-istess Konservatorju, u mir-r'kavat nett nofs eżatt għandu jmur a favur tal-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, u n-nofs l-ieħor imur a favur tal-fqar; u awtorizza mhux biss lill-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, imma wkoll kull ċittadin, biex ikollu l-jedd li jaġixxi ġudizzjalment u j'pprovoka d-dekadenza hekk komminata.*

*Fl-atti tan-Nutar Achille Micallef tat-18 ta' Settembru 1890, mbgħad, ġie miftuħ u publikat it-testment "unica charta" magħmul mill-istess Markiż Bugeja flimkien ma' martu l-Mark'ża Bugeja fl-24 ta' Ġunju 1890, li bis-saħħa tiegħu l-*

*istess Markiż Bugeja u martu għamlu xi dispożizzjonijiet li b'eżekuzzjoni tagħhom ġie mibni u erett l-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja", u ordnaw kif l-istess Istitut għandu jiġi amministrat.*

*Fi żmien l-aħħar gwerra, il-Konservatorju ġie trasportat f'dar imsejħa "Villa Sunset" fi Trieq Sant'Anton, Ħal Balzan, u l-edifiċċju tal-Konservatorju ġie adibit għall-użu ta' Depot tal-Pulizija; fil-waqt illi l-Istitut Tekniku ġie trasformat fl-"Approved School", ossija Riformatorju.*

*In vista ta' dan, l-attur, wara li ppremetta illi dan it-trasferiment tal-Konservatorju u din is-soppressjoni tal-Istitut Tekniku jikkostitwixxu vjolazzjoni u ksur tal-imsemmijin "Leggi e Condizioni", talab li tiġi dikjarata d-dekadenza tal-Konservatorju u tal-Istitut minn kwalunkwe benefiċċju u taxxitu mħolli lir-rispettivi amministraturi, jew li jidderivawlhom mill-fondazzjoni.*

*B'din is-sentenza, il-Qorti rriteniet u qatgħet illi l-imsemmija "Leggi e Condizioni" jolqtu u jirriferixxu biss għall-Konservatorju, u ma japplikawx għall-Istitut; u li għalhekk it-talba tal-attur, bħala proposta in bażi ta' ksur tal-istess "Leggi e Condizioni", ma treġix.*

*In kwantu għall-Konservatorju, l-istess sentenza rriteniet u qatgħet illi, meta l-fondatur stabbilixxa illi dak l-Konservatorju ma kellux jiġi trasportat band'oħra, ried ifisser li ma kellux jiġi trasportat "barra minn Malta", u li għalhekk, billi l-istess Konservatorju ġie temporaneament trasportat Ħal Balzan minflok li baqa' fl-edifiċċju proprju f'Santa Venera, ma kienx hemm lok għad-dekadenza mill-fondazzjoni komminata mill-fondatur; u dan iżjed u iżjed meta wieħed jikkunsidra li dak it-trasport tal-Konservatorju f'Ħal Balzan sar, mhux kapriċċożament, imma minħabba l-eżiġenzi tas-sigurezza nazzjonali fi żmien l-imsemmija gwerra.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha mogħtija fid-29 ta' Mejju 1957, fejn jinsabu miġjuba d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tant tal-konvenuti kemm tal-kjamat fil-kaw-

ża, u li biha ġie dikjarat li għall-azzjoni tal-attur mhix ta' ostakolu d-dispożizzjoni tal-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni deċennali sollevata mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawża, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u l-kawża baqgħet differita "sine die", riappuntabbli b'rikors biex titkompla fil-meritu meta dik is-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat;

Rat ir-rikors tal-attur tas-7 ta' Ġunju 1957, li bih, wara li espona, fost ħwejjeġ oħra, li kontra l-imsemmija sentenza la l-konvenuti u lanqas il-kjamat fil-kawża ma nterponew appell, u b'konsegwenza l-istess sentenza għaddiet f'ġudikat, talab li l-kawża tiġi riappuntata sabiex il-Qorti tkun tista' tipproferrixxi s-sentenza tagħha fil-meritu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur, wara li jippremetti li b'kuntratt tal-4 ta' Diċembru 1880, fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Camilleri, il-Markiż Vincenzo Bugeja għamel fondazzjoni ta' Konservatorju f'bini ta' proprjetà tiegħu li jinsab fi Trieq San Ġużepp fil-limiti ta' Santa Vennera, għall-iskop li jiġu fih milqugħa u edukati l-bniet iltiema u fqar, u assoġġetta din il-fondazzjoni għall-"Leggi e Condizioni" imposti f'dak il-kuntratt; u fl-art. 20 ordna illi ħadd ma jista' jittrasporta dan l-Istitut band'oħra, jew jgħaqqdu ma' xi wieħed ieħor, u lanqas jidbillu l-iskop tiegħu, jew jirriduċieh għall-użu ta' konvitt jew skejjel, anki jekk dan ikun irid isir għal skopijiet u finijiet ta' utilità ugwali jew akbar; u fl-art. 22 ordna illi, fil-każ li tiġi trasgredita l-volontà tiegħu, kellu wieħed jipproċedi għall-bejgħ tal-bini u tar-renti u tal-mobbli li jispettaw lill-Konservatorju minnu fondat, u li mir-rikavat nett ta' dan il-bejgħ nofs eżatt għandu jmur a favur tal-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, u n-nofs l-ieħor imur a favur tal-fqar, u awtorizza mhux biss lill-konsangwinei tiegħu sal-għaxar grad, imma wkoll kull ċittadin, biex ikollu l-jedd li jaġixxi ġudizzjalment u jipprovoka d-dekadenza fuq imsemmija; illi l-Konservatorju Vincenzo Bugeja ġie effettivament trasportat band'oħra, u fil-fatt il-lum jinsab allokat f'dar privata msemmija "Villa Sunset" li tinsab fi

Trieq Sant'Anton, Hal Balzan, fil-waqt li l-Konservatorju stess jinsab okkupat mill-Korp tal-Pulizija, li qegħdha tużah bħala Depot Ċentrali tagħha; u illi l-"Istituto Tecnico", li jifforma parti ntegrali mill-imsemmi "Conservatorio", u ġie mibni għal dan l-iskop bi flus imħollija mill-istess fundatur, ġie magħluq, u minfloku l-lum tinsab l-"Approved School", ġa magħrufa bħala Riformatorju; u illi fl-art. 20 tal-predetta fondazzjoni l-fondatur ordna illi, jekk isir diversament mix-xewqat tiegħu, jew "per qualunque altra superiore disposizione, o ecclesiastica o civile, o per qualunque motivo", l-istitut għandu jispiċċa xahar qabel id-deroga, soppressjoni jew kontravvenzjoni għall-volontà tal-fondatur, taħt piena ta' dekadenza perentorja, komminazzjoni li ġiet ripetuta fl-art. 49 tat-testment fuq imsemmi; u illi l-konvenuti krew lill-Gvern Ċivili ta' Malta, u dan fil-kwalità tagħhom ta' amministraturi tal-imsemmija fondazzjoni, tant il-Konservatorju kif ukoll l-"Istituto Tecnico", bħal ma jirriżulta mill-kuntratti relattivi; jitlob li jiġi dikjarat u deċiż li t-trasferiment band'oħra tal-"Conservatorio Vincenzo Bugeja" u s-soppressjoni tal-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja", kif ukoll it-trasformazzjoni tagħhom rispettiva f'Depot tal-Pulizija u f' "Approved School", jikkostitwixxu vjolazzjoni u ksur tal-"Leggi e Condizioni" li huma l-klawsoli fondamentali mposti mill-fondazzjoni; u per konsegwenza tiġi dikjarata d-dekadenza tal-Konservatorju u "Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja" minn kwalunkwe benefiċċju u laxxitu mħolli lill-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, jew li jidderivawlhom mill-imsemmija fondazzjoni;

Illi mill-premess jirriżulta illi t-talba tal-attur hija ntiża għad-dikjarazzjoni tal-dekadenza tal-Konservatorju u Istitut Tekniku "Vincenzo Bugeja" minn kwalunkwe benefiċċju u laxxitu lilhom imħolli, jew li jidderivalhom mill-imsemmija fondazzjoni; u dan in bażi għall-pretensjoni tiegħu li l-Konservatorju "Vincenzo Bugeja" ġie trasferit minn Santa Vennera għal Hal Balzan, kif ukoll ġie trasformat f'Depot tal-Pulizija, u li l-Istitut Tekniku "Vincenzo Bugeja" ġie soppress, kif ukoll ġie trasformat f' "Approved School", u dan bi vjolazzjoni tal-"Leggi e Condizioni" mposti mill-Markiż Vincenzo Bugeja fil-kuntratt fuq imsemmi;

Kompitu ta' din il-Qorti hu, għalhekk, dak li tiddeċidi jekk ġewx effettwati l-imsemmija trasferiment, soppressjoni u trasformazzjonijiet, pretiżi mill-attur; u f'każ affermattiv, jekk dik l-effettwazzjoni timportax id-dekadenza kif mitluba mill-istess attur;

Mhux barra minn loku li jingħad illi l-intervenuti fil-kawża, Giuseppe Bugeja u Carlo Ellul Bonici, assoċjaw ruħhom mal-attur fit-talbiet minnu avanzati. Il-konvenuti jeċċepixxu li ebda vjolazzjoni ma saret, la tal-fondazzjoni u lanqas tat-testment; u l-kjamat fil-kawża assoċja ruħu mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u jżid jeċċepixxi illi, kuntrarjament għal dak li allega l-attur, ma kien hemm ebda tibdil fil-volontà tal-fondatur Markiż Vincenzo Bugeja, għal dak li jirrigwarda l-"Istituto Tecnico Vincenzo Bugeja", li jista' jġib id-dekadenza domandata mill-attur; u li, del resto, din il-komminazzjoni ta' dekadenza ma tirriżultax applikabbli għall-każ in kwistjoni, għaliex it-testatur ordna illi tiddekadi mill-vantaġġi lilha mgħolijin minnu dik il-persuna li taltera jew tipprova taltera l-volontà tat-testatur, jiġifieri din il-komminazzjoni hi diretta, se maj, mhux kontra l-"Istituto Tecnico" "ut sic", imma kontra dawk in-nies li "ex hypothesi" alteraw il-volontà tat-testatur u għarrigward tal-vantaġġi mħollijin lill-istess nies;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' sanzjoni għal ċerti vjolazzjonijiet li huwa jippretendi li saru għall-"Leggi e Condizioni" msemmija fiċ-ċitazzjoni. Dawk il-"Leggi e Condizioni" ġew dettati mill-Markiż Vincenzo Bugeja fil-kuntratt nagħmul minnu fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Camilleri tal-4 ta' Diċembru 1880, meta huwa eriġa u ffonda hawn Malta l-imsemmi Konservatorju, u jirriferixxu u jolqtu unikament l-istess Konvervatorju. Dan isegwi mill-istess kliem testwali tal-kuntratt:— "L'Illustrissimo Signor Vincenzo Bugeja . . . ha in modo solenne ed irrevocabile, e nella forma più valida secondo la legge . . . sotto bensi le infrascrirtte leggi e condizioni, fondato e fonda un Conservatorio . . . . . ; le quali leggi e condizioni sono le seguenti . . . . . ". L-Istitut Tekniku ġie ordnat mill-istess Markiż Vincenzo Bugeja, u ġie erett fl-art. 29 bis tat-testment

sigriet tiegħu magħmul "unica charta" mal-Markiża Bugeja, il-mara tiegħu, fl-24 ta' Ġunju 1890 (jiġifieri xi għaxar snin wara l-imsemmi l-kuntratt), li ġie apert u publikat bil-ministeru tan-Nutar Achille Micallef fit-18 ta' Settembru 1890; fejn ordna li fi żmien sitt xhur mill-mewt tiegħu l-Kumitat ta' Direzzjoni tal-imsemmi Konservatorju kellu jippreleva mill-patrimonju tiegħu £26,000, li minnhom somma mhux iżjed minn £8,000 tiġi versata "nella fabbricazione . . . di un Istituto avente per oggetto . . . . La residua somma dalle dette £26,000 sarà fatta inscrivere dai miei banchieri a nome del Conservatorio Vincenzo Bugeja, ramo Arti e Mestieri, nel registro del Tesoro di Francia . . . . ";

L-attur ma jġib xejn biex jipprova l-pretensjoni tiegħu, ċjoè li dan l-Istitut jinsab integrat u jifforma parti mill-Konservatorju, u li kwindi għandhom jirregolawh il-"Leggi e Condizioni". Fl-imsemmi artikolu tat-testment il-Markiż Vincenzo Bugeja ordna li dan l-Istitut kellu jiġi amministrat minn gjunta komposta minn ħames membri, b'regolamenti appożitament fissati minnu, ġjunta assolutament kostitwita diversament minn kif inhu kostitwit il-Kumitat ta' Direzzjoni li kellu jmexxi u jamministra l-Konservatorju. Kif ingħad, skond l-imsemmi testment, dan il-Kumitat ma kellux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jippreleva l-flus mill-patrimonju tat-testatur destinati għall-fabbrikazzjoni tal-Istitut; imma dan il-fatt, ċjoè li l-Kumitat kellu jagħmel dan il-prelevament ta' flus, kif del resto kellu wkoll l-ordni jippreleva minn dak il-patrimonju somom oħra għal skopijiet diversi ordnati mit-testatur, ma jġibx li l-Istitut jinsab integrat mal-Konservatorju, jew li qatt kellu jkun jiddependi u governat mill-"Leggi e Condizioni" li bihom il-fondatur ried li l-Konservatorju jiġi regolat u governat. L-unika sanzjoni għal dak li talvolta seta' sar għar-rigward tal-Istitut, bħala formanti parti mill-patrimonju tiegħu, tista' għalhekk tidderiva, jekk jikkonkorru l-kondizzjonijiet li jagħtu lok għaliha, mill-art. 49 tal-imsemmi testment, u mhux mill-Leggi e Condizioni" fuq imsemmijin, jew minn band'oħra;

Għalhekk, il-"Leggi e Condizioni" msemmija jolqtu u jagħmlu riferenza biss għall-Konservatorju, u ma japplikawx għall-Istitut; u per konsegwenza t-talba tal-attur kif proposta, ċjoè in bażi ta' ksur tal-"Leggi e Condizioni," li

ssemmew, għar-rigward tal-Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja ma treġix;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-attur jippretendi li sar ksur ta' tnejn mill-kondizzjonijiet imposti mill-Markiż Vincenzo Bugeja fl-art. 20 tal-fondazzjoni, ċjoè li l-Konservatorju ġie trasportat band'oħra, minn Santa Vennera għal Ħal Balzan, kontra l-kondizzjoni li "...... non sarà mai lecito a chicchessia di trasportare questo Istituto......", u li l-Konservatorju ġie okkupat u użat mill-Korp tal-Pulizija, kuntrarjament għall-kondizzjoni li "......non sarà mai lecito a chicchessia di...... nè in qualunque altro modo cambiarne l'oggetto......";

Illi, kif tajjeb jissottomettu l-konvenuti u l-kjamat fil-kawża, meta l-fondatur ordna li ħadd ma kien jista' jittrasporta band'oħra l-Istitut, huwa kien qed jalludi għall-fondazzjoni tal-Konservatorju minnu istitwita, u mhux għall-edifiċċju tal-Konservatorju; għaliex ċertament, u mingħajr ombra ta' dubju, l-edifiċċju tal-Konservatorju mhux possibbli li jiġi trasportat, lanqas xiber wieħed, minn fejn ġie fabbrikat; u bil-kelma "altrove" użata fil-kuntratt wieħed għandu jifhem li l-Markiż Vincenzo Bugeja ried ifisser "barra minn Malta". Din l-interpretazzjoni tal-ħsieb tal-fondatur tiġi meħuda mill-preambolu tal-kuntratt ġa msemmi, fejn jingħad:— "Egli è da molti anni che il Signor Vincenzo Bugeja...... nutriva l'idea li erigere e fondare in quest'Isola un Conservatorio per l'educazione di fanciulle indigenti, come è detto in appresso; Istituto di cui egli osservava la mancanza fra i non pochi istituti di beneficenza esistenti in questa Isola......" L-istess konċett jiġi derivat mill-kliem adoperati fl-imsemmi art. 20 tal-kuntratt, ċjoè: "Sia intanto ben inteso che non sarà mai lecito a chicchessia di trasportare altrove questo Istituto...... mentre è ferma e precisa volontà del fondatore che il predetto Istituto da lui fondato si mantenga perpetuamente in quest' Isola a beneficio di Malta. Ed a questo scopo dovranno perpetuamente serbarsene i capitali e le rendite......";

Fi kliem ieħor, il-Markiż Vincenzo Bugeja ried jistit-

wixxi, kif istitwixxa, il-fondazzjoni hawn Malta biex isservi biss għat-tfal bniet u fqar u orfni maltin, u ried li huma biss jużufruwixxu minnha. Issa, bit-trasferiment li sar minn Santa Vennera għal Ħal Balzan, l-Istitut baqa' hawn Malta, u l-imsemmijin tfal ma ġewx privati mill-benefiċċji derivanti lilhom mill-fondazzjoni; u r-rieda tal-fondatur ma ġietx attakkata. Verament, ma jistgħax jiġi negat li, kif jidher mill-istess kuntratt, mit-tieni paragrafu tal-preambolu u mill-kontenut tal-ewwel artikolu tiegħu, il-fondatur ried ukoll, minbarra li l-fondazzjoni tkun biss a benefiċċju tat-tfal orfni bniet maltin, li r-rikoveru tal-istess tfal ikun fl-edifiċċju tal-Konservatorju minnu appożitament mibni; imma fuq dan jingħad aktar il-quddiem;

Illi miċ-ċirkustanza li l-fondazzjoni, l-Istitut tal-Konservatorju, ittieħed minn Santa Vennera għal Ħal Balzan, u li l-edifizju tal-Konservatorju ġie okkupat mill-Pulizija, l-attur jiġbed it-tieni lament tiegħu, ċjoè li kontra r-rieda tal-fondatur ġie mibdul l-oġġett li għalih saret il-fondazzjoni, u b'hekk sar ksur tal-imsemmija kondizzjoni mposta mill-fondatur. Lanqas ma jreġi dan il-lament; għaliex b'dak it-trasferiment u b'dik l-okkupazzjoni l-oġġett tal-fondazzjoni ma nbidelx, u baqa' jiġi użat għall-iskop prefiss mill-fondatur, u b'ċerti restrizzjonijiet u limitazzjonijiet li ma kienux jeżistu fil-bidu tal-istituzzjoni tal-fondazzjoni. L-oġġett tal-fondazzjoni hu r-"ricovero e l'educazione di fanciulle orfane ed indigenti nell'edificio da lui appositamente costruito ed eretto". Ir-rikoveru u l-edukazzjoni ta' dawn it-tfal beda jsir minn meta l-fondazzjoni ġiet istitwita, u baqa' jsir minn dak iż-żmien 'l-hawn; b'din id-differenza illi f'Mejju 1940, jew ftit żmien wara, l-imsemmi rikoveru u edukazzjoni bdew jiġu mogħtija, minflok fl-edifizju appożitament erett mill-fondatur f'Santa Vennera, f'villa f'Ħal-Balzan, fejn l-Istitut ġie temporaneament trasportat minħabba eżiġenzi tal-gwerra. L-attur stess fiċċitazzjoni jammetti li l-Konservatorju baqa' dejjem jeżisti, u jilmenta biss li minħabba t-trasferiment tiegħu ġa msemmi. u l-okkupazzjoni tal-edifizzju mill-Pulizija. inbidel l-oġġett tal-fondazzjoni. Imma t-tibdil temporanju tar-rikoveru u l-edukazzjoni tat-tfal minn edifizju għal ieħor u l-okkupazzjoni, ukoll temporanea, tal-Konservatorju mill-Pulizija, minflok mill-imsemmijin tfal, ma jġibux kambja-

ment tal-oġġett, kif ingħad, tal-fondazzjoni. L-edifizju tal-Konservatorju, mbgħad, ma ttieħedx mill-Pulizija biex jiġi użat bħala Depot ta' dak il-Korp permanentement, u lanqas kapriċċjożament u mingħajr motivi; ittieħed biss għal raġunijiet neċessitati mill- eżiġenzi tal-gwerra, u bil-kondizzjoni li jerġa jingħata lura fl-anqas żmien li jkun possibbli biex ikompli jservi għall-iskop li għalieh ġie erett mill-fondatur;

Illi jingħad mill-attur li anki taħt dan l-aspett kien hemm ksur tal-kondizzjoni msemmija tal-fondazzjoni; għaliex il-fondatur ried li l-imsemmi rikoveru jkun u jibqa', u l-edukazzjoni tiġi mpartita lil dawk it-tfal, biss fl-edifiċċju minnu erett f'Santa Vennera. Dan mhux korrett. Biex jiġi ripetut, jingħad li mill-kontest tal-art. 20 tal-kuntratt jidher biċ-ċar x'kienet il-preċiża volontà tal-fondatur, dik, jiġifieri, li l-Istitut, il-fondazzjoni, "si mantenga perpetuamente in questa Isola a beneficio di Malta; ed a questo scopo dovranno perpetuamente serbarsene i capitali e le rendite". B'din il-volontà espressa tiegħu, il-fondatur ried juri x'ried ifisser meta ordna li "non sarà mai lecito a chicchessia di trasportare altrove questo Istituto, nè di riunirlo a qualunque altro, nè in qualunque modo cambiarne l'oggetto, e neppure ridurlo ad uso di convitto o scuole, e molto meno divertirne ed applicarne le rendite in altro uso, sebbene ciò si volesse fare per oggetti e fini di uguale o maggiore utilità"; ċjoè ried ifisser li dik il-volontà tiegħu kellha tiġi ottemperata u rispettata minn kullħadd. Mbgħad, bil-kliem "se si facesse altrimenti, ovvero per qualunque altra superiore disposizione, o ecclesiastica o civile, e per qualunque motivo, si credesse in tutto o in parte sopprimere codesto Conservatorio, o di derogare alla suddetta volontà del fondatore, o domandarne la deroga dall'Awtorità Pontificia,......" il-fondatur ma għamelx ħaġ'oħra ħlief wera kif setgħet tiġi miksura dik il-volontà tiegħu, u żied jgħid x'kellu jsir f'każ ta' ksur ta' dik il-volontà;

Issa, bħal ma ntqal, is-sempliċi ċirkustanza li r-rikoveru u l-edukazzjoni tat-tfal kellhom temporaneament jiġu mogħtija f'villa f'Ħal-Balzan minflok f'Santa Vennera, fl-edifiċċju tal-fondazzjoni, u li l-istess edifiċċju kellu, ukoll temporaneament, jiġi okkupat mill-Pulizija, ma biddletx

dik il-volontà espressa tal-fondatur, ladarba fi żmien dak ir-rikoveru u dik l-impartizzjoni tal-edukazzjoni f'Ħal-Balzan, u fi żmien ta' dik l-okkupazzjoni mill-Pulizija, l-Istitut, il-fondazzjoni, kellu jibqa', kif baqa', hawn Malta, u l-kapitali u r-renditi baqgħu jiġu serbati għal hekk. Dan iżjed u iżjed meta dak it-traslok temporanju u dik l-okkupazzjoni temporanja kienu neċessitati minn motivi ta' sikurezza nazzjonali;

L-attur hawn jirritorċi u jgħid li dan lanqas ma seta' jsir, għaliex il-fondatur, kif jidher mill-imsemmi art. 20 tal-kuntratt, impona li ħadd, u għal ebda motiv, ma seta' jindaħal u jneħħi lil dawk it-tfal mill-edifiċċju ta' Santa Vennera u jibgħathom band'oħra. Imma anki hawnhekk jiġi osservat li l-attur mhux korrett. Kif jidher ċar mill-kontenut tal-imsemmi artikolu, il-fondatur, bil-kliem "e per qualunque motivo" kien qiegħed jirriferixxi għal xi soppressjoni tal-fondazzjoni minnu istitwita; jiġifieri ordna li ħadd, u għal ebda motiv, ma kellu u ma seta' jissopprimi dik il-fondazzjoni, appuntu għaliex huwa ried li l-istess fondazzjoni tibqa' perpetwament. Tant kien dan il-ħsieb tal-fondatur, ċjoè li l-Istitut jibqa' hawn Malta u għal dejjem, li anzi, anki f'każ ta' soppressjoni tal-Istitut, jew ta' vjolazzjoni ta' xi waħda jew iżjed mill-kondizzjonijiet indikati fl-imsemmi artikolu, kuntrarjament għal dak li jirritjeni l-attur, il-fondatur ma riedx li jkun hemm id-dekadenza tal-Istitut, sakemm l-istess Istitut seta' jilħaq l-iskop li għalieh ġie erett. Hekk, fl-imsemmi artikolu, il-fondatur ordna x'kellu jsir f'każ ta' eventwali soppressjoni tal-Istitut, jew ta' ksur tal-imsemmijin kondizzjonijiet jew ta' xi waħda minnhom, ċjoè ċ-ċessazzjoni temporanea tal-Istitut sakemm ikun sar ir-ripristinament tiegħu. Hekk ukoll fl-art. 19 tal-kuntratt, il-fondatur ordna x'kellu jsir f'każ li l-edifizju tal-fondazzjoni kellu, bi qdumija jew b'xi mod ieħor, ma jilħaqx l-iskop minnu prefiss, ċjoè tiġi sospiża l-ammissjoni tat-tfal sa meta tkun terġa tista' ssir ir-rikostruzzjoni jew restawrazzjoni tal-edifiċċju. Id-dekadenza tal-fondazzjoni, fil-ħsieb u r-rieda tal-fondatur, kellha tiġri biss fil-każ li kellhom javveraw ruħhom il-kontravvenzjonijiet, jew xi waħda minnhom, minnu kontemplati fl-art. 20 tal-kuntratt, u dawk li huwa kkontempla li setgħu

jiġru, kif imsemmi fl-art. 21 tal-istess kuntratt, li mhux il-każ li jiġu msemmija;

*Infatti*, fl-art. 22 jingħad espressament li "nel caso che in qualunque futuro tempo venisse trasgredita la sua volontà come da lui espressa nei precitati due articoli", u mhux fil-wieħed jew fl-ieħor minnhom, "si debba..." Għalhekk, ladarba lanqas f'każ ta' ksur tal-imsemmijin kondizzjonijiet, kompriża s-soppressjoni tal-fondazzjoni, ma kellu *jkun hemm id-dekadenza msemmija mill-attur*, żgur ma għandux ikun hemm din id-dekadenza għas-sempliċi traslok tal-Istitut minn post għal ieħor, imma dejjem f'Malta, u tal-okkupazzjoni temporanea, li ma tammontax għal soppressjoni tal-Istitut, da parti tal-Pulizija; traslok u okkupazzjoni, mbgħad, li kellhom ikunu, kif fil-fatt kienu, għal żmien temporanju biss. Del resto, kif ukoll ingħad, il-motivi li taw lok għat-traslok temporanju tal-Istitut u għall-okkupazzjoni tal-edifizju tal-fondazzjoni ma kienux arbitrarji u kapriċċużi, kif jippretendi li kienu l-attur, imma kienu dettati minn liġijiet ta' emerġenza għal skopijiet ta' sikurezza tal-pajjiż ta' Malta, li fiha l-fondatur ried jeriġi, kif eriġa, biex tibqa' għal dejjem, dik il-fondazzjoni; f'ċirkustanzi ċjoè, kif jidher mid-dokument fil-fol. 182 tal-proċess, li fihom "it is clear that the intention or the wish of the founder could not be taken into account". U għandu raġjonevolment jinħaseb li anki l-istess fondatur, kieku kien ħaj f'dawk iż-żmienijiet, bħala wieħed miċ-ċittadini ta' dawn il-Gżejjer, kien jaderixxi, minħabba dawk iċ-ċirkustanzi, minnufih għal dak li kellu jsir, ċjoè t-traslok temporanju u l-okkupazzjoni temporanja ġa msemmijin, mingħajr ma jħalli li l-istess jiġu mposti fuqu;

Illi, għalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li bit-trasferiment għal żmien temporanju tal-Istitut minn Santa Vennera għal Ħal-Balzan, u bl-okkupazzjoni għall-istess żmien taledifizju tal-Konservatorju mill-Korp tal-Pulizija, speċjalment fiċ-ċirkustanzi li fihom saru dan it-trasferiment u din l-okkupazzjoni, ma ġewx vjolati l-"Leggi e Condizioni" msemmijin fiċ-ċitazzjoni. U in vista ta' din il-konklużjoni mhux il-każ li l-istess Qorti tgħaddi għall-indaġini u għaddeċiżjoni għar-rigward tal-konsistenza u l-vera portata talkomminazzjoni għall-vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet, jew xi

waħda minnhom, indikati fl-art. 20 tal-kuntratt, u tad-dekadenza, kif isejħilha l-attur, komminata mill-fondatur fl-art. 22 tal-imsemmi kuntratt;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi d-domandi tal-attur. L-ispejjeż tal-kawża, minbarra dawk ġa deċiżi, iħallashom l-istess attur, b'esklużjoni ta' dawk tal-intervenuti fil-kawża, Giuseppe Bugeja u Carlo Ellul Bonici, li kull wieħed minnhom għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.